



*Dokument ta' sessjoni*

B9-0097/2024 }  
B9-0100/2024 }  
B9-0104/2024 }  
B9-0107/2024 }  
B9-0111/2024 } RC1

7.2.2024

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA**

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0097/2024 (PPE)  
B9-0100/2024 (S&D)  
B9-0104/2024 (Verts/ALE)  
B9-0107/2024 (Renew)  
B9-0111/2024 (ECR)

dwar aktar repressjoni fil-konfront tal-forzi demokratiċi fil-Venezwela: attakki fuq il-kandidata għall-presidenza María Corina Machado (2024/2549(RSP))

**Gabriel Mato, Michael Gahler, Cláudia Monteiro de Aguiar, Leopoldo López Gil, Francisco José Millán Mon, Javier Zarzalejos**

f'isem il-Grupp PPE

**Javi López, Pedro Marques, Maria-Manuel Leitão-Marques**

f'isem il-Grupp S&D

**Jordi Cañas, Dita Charanzová, José Ramón Bauzá Díaz, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Katalin Cseh, Olivier Chastel,**

RC\1296339MT.docx

PE756.839v01-00 }  
PE756.842v01-00 }  
PE756.846v01-00 }  
PE756.849v01-00 }  
PE756.853v01-00 } RC1

**Nicola Danti, Karin Karlsbro, Michael Kauch, İlhan Kyuchyuk, Karen Melchior, Urmas Paet, Dragoş Pîslaru, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Dragoş Tudorache, Malik Azmani, Javier Nart**  
f'isem il-Grupp Renew  
**Jordi Solé**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE  
**Anna Fotyga, Hermann Tertsch, Joachim Stanisław Brudziński, Adam Bielan, Witold Jan Waszczykowski, Anna Zalewska, Elżbieta Kruk, Assita Kanko**  
f'isem il-Grupp ECR  
**Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar aktar repressjoni fil-konfront tal-forzi demokratiċi fil-Venezwela: attakki fuq il-kandidata ġħall-presidenza María Corina Machado (2024/2549(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Venezwela,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-trattati u l-strumenti l-oħra tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem,
  - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċibili u Politiċi,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-kelliem għar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni ġħall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-29 ta' Jannar 2024,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani tat-28 ta' Jannar 2024 dwar l-avvenimenti reċenti fil-Venezwela,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Parżjali dwar il-Promozzjoni tad-Drittijiet Politiċi u l-Garanziji Elettorali għal Kulħadd, iffirmsat mill-gvern ta' Maduro u l-alleanza tal-oppożizzjoni Venezwelana, il-Pjattaforma Unitarja, f'Ottubru 2023 (il-Ftehim ta' Barbados),
  - wara li kkunsidra l-ewwel rapport tal-Missjoni Internazzjonali Indipendent ta' Tiflix tal-Fatti tan-NU dwar ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, ippubblikat fis-16 ta' Settembru 2020,
  - wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni Venezwelana,
  - wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) tal-UE fil-Venezwela tat-22 ta' Frar 2022 bit-titolu “Elezzjonijiet reġjonali u muniċipali 21 ta' Novembru 2021” u d-dikjarazzjoni tal-President tad-Delegazzjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Parlament Ewropew, Jordi Cañas, tat-23 ta' Novembru 2021 dwar l-elezzjonijiet reġjonali u lokali fil-Venezwela fl-2021,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-elezzjonijiet tal-Venezwela tal-2024 jistgħu jirrappreżentaw punt ta' bidla minn awtokrazija korrotta lejn ritorn għad-demokrazija, jekk jiġu rispettati l-punti kollha tal-Ftehim ta' Barbados; billi d-drittijiet ċivili u politiċi għadhom qed jinkisru fil-Venezwela, u dan wassal għal snin ta' instabbiltà u vjolenza; billi aktar minn madwar tmien miljun ruħ ġew imġiegħla jitilqu mill-pajjiż;
- B. billi kien hemm restrizzjonijiet sistematiċi fuq l-informazzjoni pubblika, il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni u fuq id-dritt għal għaqda paċċifika, b'mod partikolari għad-dissidenti tar-reġim, għat-trejdunjonisti, għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għall-RC\1296339MT.docx

aktar membri vulnerabbi tas-soċjetà;

- C. billi fis-17 ta' Ottubru 2023 fil-Venezwela, ir-reġim ta' Maduro u l-alleanza tal-oppożizzjoni, il-Pjattaforma Unitarja, iffirmaw żewġ ftehimiet, magħrufa bħala l-Ftehimiet ta' Barbados, li koprew kwistjonijiet li jinkludu l-promozzjoni tad-drittijiet politiċi u l-garanziji elettorali għal kulħadd, u l-ħelsien tal-priġunieri politiċi; billi dan il-Ftehim kopra suġġetti importanti bħall-fatt li osservaturi internazzjonali jitħallew jipparteċipaw fil-proċess elettorali; billi l-Ftehim ġie ffirmat biex iservi bħala l-ewwel pass biex jiġu żgurati elezzjonijiet ħielsa u ġusti fil-Venezwela;
- D. billi fit-22 ta' Ottubru 2023, María Corina Machado ntgħażlet bħala l-kandidata presidenzjali tal-oppożizzjoni demokratika għar-reġim, billi rebħet 92,35 % tal-voti fl-elezzjonijiet primarji;
- E. billi għal diversi xħur, María Corina Machado, membri tat-tim tal-kampanja tagħha – inklużi Juan Freites, Luis Camacaro u Guillermo López, li ġew detenuti illegalment u minn dakħinhar ġew irrapportati nieqsa – organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, avukati, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u atturi politiċi oħra fl-oppożizzjoni demokratika għar-reġim spiċċaw fil-mira ta' tentattivi arbitrarji u politikament motivati biex jiskwalifikawhom milli jokkupaw kariga pubblika; billi fost dawk fil-mira hemm Henrique Capriles, li ġareġ għal president darbejn fil-passat u li l-iskwalifika tiegħu ġiet ikkonfermata wkoll fl-istess dikjarazzjoni tas-26 ta' Jannar 2024;
- F. billi l-proċess biex titneħħha l-iskwalifika ta' María Corina Machado kien nieqes minn elementi bażiċi, peress li la rċeviet kopja tal-allegazzjonijiet kontriha u lanqas ma ngħatat l-opportunità li twieġeb għall-allegazzjonijiet; billi l-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tar-reġim ippubblikat sommarju tad-deċiżjoni tagħha, li ma għandu l-ebda bażi ġuridika, fuq il-paġna web tagħha; billi l-Kostituzzjoni Venezwelana tistipula li l-individwi ma jistax ikollhom id-drittijiet politiċi tagħhom ristretti minn deċiżjonijiet amministrattivi, u lanqas ma jistgħu jiġi pprojbiti milli jokkupaw kariga pubblika b'tali deċiżjonijiet; billi r-reġim tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja għalhekk ma setax jgħaddi sentenza kostituzzjonalment soda f'din il-kwistjoni;
- G. billi fis-6 ta' Diċembru 2023, Roberto Abdul, membru tal-kummissjoni li ppjanat l-elezzjonijiet primarji għall-oppożizzjoni tar-reġim, ġie arrestat għal allegat tradiment; billi fl-istess ħin, inħarġu mandati ta' arrest għal Henry Alviarez, Claudia Macero u Pedro Urruchurtu, membri tal-Partit Vente Venezuela, għal allegati reati inklużi tradiment, komplott u ħasil tal-flus;
- H. billi dawn id-deċiżjonijiet arbitrarji huma inkonsistenti mal-impenn tar-rappreżentanti ta' Nicolás Maduro li jorganizzaw elezzjoni presidenzjali Venezwelana kompetittiva fl-2024 u jmorru kontra r-rakkmandazzjoni tal-MOE tal-UE; billi l-iskwalifika arbitrarja kontinwa tal-kandidati elettorali tal-oppożizzjoni mill-awtoritajiet amministrattivi tirrestrinġi b'mod sever id-dritt tal-Venezwelani li jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom;
- I. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar l-iskwalifiki politiċi fil-

Venezuela<sup>1</sup>, il-Parlament diġà kkundanna bil-qawwa l-iskwalifiki politiċi tal-kandidati mir-reġim Venezwelan; billi din ir-riżoluzzjoni kkundannat spċifikament l-iskwalifika arbitrarja u antikostituzzjonali ta' 15-il sena ta' María Corina Machado u ta' persuni oħra prominenti fil-politika u d-deplorat il-fatt li r-rakkmandazzjonijiet tal-aħħar MOE tal-UE kienu ġew kompletament injorati;

- J. billi r-reġim ta' Maduro ċaħħad lill-Osservatur Ewleni tal-MOE tal-UE milli jidħol fil-Venezuela biex jippreżenta r-rapport finali għall-elezzjonijiet reġjonali u muniċipali li saru fl-2021, minħabba li l-MOE tal-UE kienet tkeċċiet mill-pajjiż;
- K. billi fit-22 ta' Jannar, ir-reġim, permezz tal-avukat ġenerali, ħareġ 14-il mandat ta' arrest abbażi ta' akkużi foloz kontra xi individwi, inkluż id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Tamara Sujú, il-ġurnalista Sebastiana Barráez, l-Eks Sindku ta' Caracas Antonio Ledezma, il-mexxej politiku Leopoldo López, l-Eks President interim tal-Venezuela Juan Guaidó u l-Eks Sindku David Smolansky, għal tradiment, l-assassinju ta' persuna politika prominenti u talli sempliċiement eżerċitaw il-libertà tagħhom li jesprimu l-oppożizzjoni tagħhom għar-reġim;
- L. billi l-Parlament Venezwelan, li huwa kkontrollat mir-reġim ta' Maduro, qed iħejji liġi ġidida dwar il-finanzjament u l-prestazzjoni tal-NGOs sabiex jillimita l-kapaċità tas-soċjetà ċivili li torganizza u tiddefendi d-drittijiet tagħha;
- M. billi fil-31 ta' Jannar, Maduro appoġġja appell mill-Assemblea Nazzjonali kkontrollata mir-reġim biex tīgħi żviluppata proposta, mill-5 ta' Frar u bi djalogu ma' diversi setturi, għal skeda elettorali għall-elezzjonijiet presidenzjali, mistennija fit-tieni nofs tal-2024, iżda xorta waħda mingħajr data definita;
- N. billi l-pjan direzzjonali elettorali inkluż fil-Ftehim ta' Barbados jibqa' opportunità sabiex jiġu riżolti l-kriżiżiet politiċi, ekonomiċi u umanitarji li ilhom jeżistu fil-Venezuela u biex isiru elezzjonijiet kompetittivi, ħielsa u inklużivi fil-Venezuela; billi l-persekuzzjoni tal-kandidati tal-oppożizzjoni għar-reġim tikser serjament id-drittijiet politiċi u l-garanziji elettorali ffirmsati fil-Ftehim ta' Barbados;
- O. billi r-reġim qed jagħmel ukoll bidliet fil-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) biex ifixkel il-proċess elettorali u jeqred kwalunkwe prospett ta' ritorn għad-demokrazija; billi f'Ġunju 2023, irriżenjaw tliet retturi prinċipali tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali, li wassal għar-riżenja ta' żewġ retturi li kien għad fadal; billi l-Assemblea Nazzjonali tar-reġim ġat-tarġib kummissjoni speċjali magħmula minn rappreżentanti tar-reġim, inkluża l-mara ta' Nicolás Maduro, biex teleġġi r-retturi l-ġoddha minn fost individwi tar-reġim;
- 1. Jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi biex il-kandidata għall-presidenza tal-oppożizzjoni demokratika għar-reġim, María Corina Machado, u oħrajn, bħal Henrique Capriles, jiġu skwalifikati milli jokkupaw kariga pubblika; ifakkar li l-proċess biex titneħhiela l-iskwalifika kien nieqes minn elementi bażiċi, peress li la rċeviet kopja tal-allegazzjonijiet kontriha u lanqas ma ngħatat l-opportunità li twieġeb għall-

<sup>1</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0288.

allegazzjonijiet;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki kontra membri tat-tim ta' María Corina Machado u rappreżentanti oħra tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili, kif ukoll difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti, u l-allegati għajbien furzat u arresti tagħhom u l-mandati ta' arrest maħruġa għalihom; jikkundanna bil-qawwa l-indħil tar-reġim ta' Maduro fil-proċess elettorali;
3. Jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-mexxejja politiċi u soċjali kollha arrestati b'mod arbitrarju, inkluż ta' tliet membri tal-persunal involuti fil-kampanja tal-kandidata għall-presidenza María Corina Machado, jiġifieri Juan Freites, Luis Camacaro u Guillermo Lopez;
4. Itenni li l-azzjonijiet ta' Nicolás Maduro u r-rappreżentanti tiegħu, inklużi l-persekuzzjoni ta' membri tal-oppożizzjoni demokratika għar-reġim u tentattivi li jostakulaw lil kandidati milli jikkompetu fl-elezzjoni presidenzjali ta' din is-sena, huma ksur ċar tal-ftehimiet iffirmsi f'Barbados mir-rappreżentanti ta' Nicolás Maduro u l-Pjattaforma Unitarja, bil-ħsieb li ssir elezzjoni presidenzjali kompetittiva fil-Venezuela fl-2024;
5. Jissottolinja li d-dikjarazzjoni tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tar-reġim hija antikostituzzjonali u illegali, peress li tirriżulta minn allegazzjonijiet arbitrarji u politikament motivati, u li l-proċedura li ġiet segwita ma kinitx konformi mal-liġi; iqis, għalhekk, li d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tar-reġim ma għandha l-ebda bażi legali u li María Corina Machado tibqa' eliġibbli biex toħroġ għall-elezzjonijiet;
6. Jemmen li dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu tentattiv ċar ta' perkuzzjoni politika dittatorjali, li jikser id-drittijiet ċivili u politiċi tal-poplu Venezwelani, u li dawn l-azzjonijiet prevedibbli, b'mod partikolari meta wieħed iqis ir-rekord tar-reġim, għal darb'oħra jeqirdu kwalunkwe prospett ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti;
7. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-oppożizzjoni għar-reġim biex jiġu organizzati elezzjonijiet primarji bħala soluzzjoni demokratika għall-Venezwelani residenti fil-pajjiż u barra mill-pajjiż; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Venezwelani jipprovdu l-kundizzjonijiet biex jiżguraw elezzjonijiet ġusti, liberi, inklużivi u trasparenti;
8. Iħeġġeġ lir-reġim Venezwelan itemm minnufih il-persekuzzjoni fuq ir-rebbieħa ewlenja tal-oppożizzjoni għar-reġim u b'hekk il-kandidata kompletament leġittima, María Corina Machado, u politiċi oħra tal-oppożizzjoni, u jibda jimplimenta l-Ftehim ta' Barbados, inkluż billi jirrispetta l-prinċipji tal-pjan direzzjonali elettorali u l-paragrafu wieħed tal-Ftehim, li jiddeskrivi li l-partiti huma marbuta li “jirrikonoxxu u jirispettaw id-dritt ta' kull attur politiku li jagħżel il-kandidat tiegħu għall-elezzjonijiet presidenzjali liberament”, li jfisser li jiġi żgurat li l-mexxejja tal-oppożizzjoni għar-reġim, María Corina Machado, tkun tista' tipparteċipa liberament f'elezzjoni presidenzjali kompetittiva u verament demokratika fl-2024;
9. Ifakk il-kundizzjonijiet soċjali, ekonomiċi u umanitarji terribbli li ilhom prevalentni fil-Venezuela għal bosta snin, li l-Venezwelani ilhom jissaportu għal żmien twil wisq;

jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, il-qtil, ir-repressjoni kostanti, it-tortura sistematika u l-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, ċivili u politiċi tal-poplu Venezwelan u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lir-reġim Venezwelan jieqaf immedjatament jippersegwita, joħnoq u jikser id-drittijiet ċivili u politiċi tal-avversarji politiċi tiegħu u tal-poplu Venezwelan, kif ukoll jirrevoka l-mandati ta' arrest għall-avversarji politiċi u jeħles lill-priġunieri politiċi;

10. Jinsab imħasseb dwar l-abbuż tal-qafas legali biex tiġi ristretta d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' assoċċazzjoni, u jinsab b'mod partikolari mħasseb dwar l-abbozz ta' liġi dwar il-kontroll, ir-regolarizzazzjoni, l-operazzjonijiet u l-finanzjament ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi u organizzazzjonijiet relatati;
11. Jinnota l-importanza li l-Venezwelani kollha, kemm fil-Venezwela kif ukoll barra mill-pajjiż, jitħallew jipparteċipaw fl-elezzjonijiet billi jaġġornaw ir-reġistru elettorali permanenti u r-reġistru elettorali barra mill-pajjiż, kif previst fil-paragrafu 3(2)(e) tal-Ftehim ta' Barbados;
12. Jikkundanna bil-qawwa l-indħil fil-ħatra tal-membri tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali u jappella għal proċedura ta' nomina indipendenti għal ħatriet ġoddha fi ħdan il-Kunsill;
13. Jappoġġja bis-sħiħ l-investigazzjonijiet tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Missjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Tiftix tal-Fatti tan-NU dwar ir-reati u l-atti ta' repressjoni estensivi min-naħħa tar-reġim Venezwelan u jappella lill-UE tappoġġja l-investigazzjonijiet li bħalissa qed jiġu kkunsidrati skont l-Istatut ta' Ruma, dwar l-allegati reati kontra l-umanità, biex dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom;
14. Jibqa' impenjat bis-sħiħ li jappoġġja d-djalogu bejn il-partijiet u l-aspirazzjonijiet tal-poplu Venezwelan għal futur demokratiku; jappella lill-UE taħdem mal-komunità internazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati demokratiċi paċċifici kollha fl-ispettru politiku kollu fil-Venezwela u tingrana l-mekkaniżmi kollha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tinkoraġġixxi ritorn għall-prinċippi fil-Ftehim ta' Barbados;
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżommu s-sanzjonijiet imposti fuq ir-reġim ta' Maduro; jinsisti li s-sanzjonijiet għandhom jiżdiedu sakemm ikun hemm impenn ċar u permanenti, skont il-Ftehim ta' Barbados, biex jiġu rispettati l-istandardi demokratiċi bażiċi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; jappella għal aktar sanzjonijiet immirati permezz tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabbta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE) kontra l-imħallfin tal-Qorti Suprema tal-Venezwela li kienu involuti f'tentativi biex María Corina Machado tīgi pprojbita milli tokkupa kariga pubblika u kontra l-membri tal-forzi tas-sigurtà Venezwelani involuti fl-abbużi sistematiċi mwettqa kontra l-avversarji tal-gvern;
16. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lid-Delegazzjoni tal-UE fil-Venezwela, lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jkomplu jimmonitorjaw is-sitwazzjoni fil-pajjiż u jkollhom rwol aktar assertiv u viżibbli;
17. Jinsisti li l-UE ma tridx tikkunsidra li tibgħat kwalunkwe missjoni ta' osservazzjoni elettorali fil-Venezwela sakemm ma jkunx hemm garanziji ċari u kredibbli li l-Ftehim

ta' Barbados u l-pjan direzzjonali elettorali qed jiġu rispettati fl-intier tagħhom, sakemm il-politiċi tal-oppożizzjoni li ġew skwalifikati milli jokkupaw kariga pubblika titneħħielhom tali skwalifika, sakemm María Corina Machado titħallha tipparteċipa fl-elezzjonijiet, u sakemm ir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE tal-2021 jiġu implimentati kif xieraq;

18. Jisħaq li l-elezzjonijiet u r-riżultati tagħhom mhux se jiġu rikonoxxuti jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parteċipanti fis-Summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-awtoritajiet tar-reġim Venezwelan.